

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Ottubru 2010

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, ta' Ftehim fil-forma ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-**Repubblika Għarbija tal-Eġittu** li jstabilixxi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwimiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-**Repubblika Għarbija tal-Eġittu**, minn naħa l-oħra

(2011/59/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-24 ta' Frar 2006, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-imsieħba fir-reġjun tal-Mediterran sabiex tistabilixxi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim relatat ma' dispożizzjonijiet kummerċjali.
- (2) Dawn in-negozjati twettqu mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-kumitat appuntat taħt l-Artikolu 207 tat-Trattat u fil-qafas tad-direttivi tal-innegozjar maħruġa mill-Kunsill.
- (3) Dawn in-negozjati ġew konklużi u fis-27 ta' April 2010 ġie inizjalat Ftehim fil-forma ta' Protokoll ("il-Protokoll") bejn l-Unjoni Ewropea u r-**Repubblika Għarbija tal-Eġittu** li jstabilixxi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwimiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-**Repubblika Għarbija tal-Eġittu**, min-naħa l-oħra ⁽¹⁾.
- (4) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat,

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-**Repubblika Għarbija tal-Eġittu** li jstabilixxi mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim applikabbli għal tilwimiet li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-**Repubblika Għarbija tal-Eġittu**, min-naħa l-oħra, f'isem l-Unjoni Ewropea ("il-Protokoll") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard ⁽²⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna(i) awtorizzata(i) biex tiffirma(jiffirmaw) il-Protokoll, f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ottubru 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON

⁽¹⁾ ĠU L 304, 30.9.2004, p. 39.

⁽²⁾ It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.